KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

T: +356 2133 7633
E: sliema.support@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

LAQGĦA TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 34 35

Il-ħames u tletin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Erbgħa 23 ta' Settembru 2026, fis-6pm ġewwa The AX Palace Hotel, Triq il-Kbira, tas-Sliema.

PREŻENTI

1	John Pillow	Sindku
2	Joe Aquilina	Kunsillier
3	Emmanuel Borg	Kunsilliera
4	Jacqueline Higgans	Kunsillier
5	Kevin Wain	Kunsilliera
6	Wallace Baldacchino	Kunsillier
7	~~David Soler~~	~~Kunsillier~~
8	Zack Zammit	Kunsillier
9	Ryan Borg	Kunsillier

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**	Anton Debono	Viċi Sindku
(Skont Ordni Permanenti 14A (3)	David Muscat	Kunsillier
	David Soler	Kunsillier
	John Dougall	Kunsillier
	Vivienne Galea Pace	Kunsilliera

ASSENTI

UFFIĊĊJALI PREŻENTI	Pierre P Portelli	Segretarju Eżekuttiv

Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:30pm:

35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 34;

35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

35.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;

35.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

35.7 Mozzjonijiet;

35.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

35.1.1 Is-SE qargħa l-ittri ta' apoloġija li rċieva mingħand il-kunsilliera:

Anton Debono

David Muscat

David Soler

John Dougall

Vivienne Galea Pace

35.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 33 u 34

35.2.1 Il-minuti tas-seduta 33 l-ewwel parti ġew approvati mill-kunsilliera preżenti u mill-Kunsilliera J Higgans u ssekondat mill-kunsillier J Aquilina.

35.2.2 Il-minuti tas-seduta 33 t-tieni parti ġew approvati mill-kunsilliera preżenti u mill-kunsillier W Baldacchino u ssekondat mill-kunsillier Z Zammit.

35.2.3 Il-minuti tas-seduta 34 ġew approvati mill-kunsilliera preżenti u mill-kunsillier E Borg u ssekondat mill-kunsillier J Aquilina.

35.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

35.3.1 **Il-Problema tal-ħamiem:**
Il-kunsill ħareġ CFQ biex ikun jista' jibda isir x-xogħol sabiex jinġabru il-ħamiem permezz ta' gaġeġ apposta.

35.3.2 **Arbli tad-dawl fuq il-promenade:**
Dawn l-arbli jibdew jaslu f'Novembru imbagħad ser jibdew jitwaħħlu f'posthom. B'kollox ser inkun hemm 15 il-arblu ġdid. L-MTA ser joħroġ tender sabiex jinbidlu l-poġġamani tal-promenade.

35.3.3 **Ġnien Indipendenza:**
Is-Sindku spjega li dan il-ġnien m'huwiex devolut lil kunsill lokali u dan għadu taħt ir-risponsabbilta' tad-Divizjoni tax-Xogħolijiet Pubbliċi, għaldaqstant ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni huma f'idejn il-PWD.

35.3.4 **Monument tat-Tieni Gwerra Dinjija:**
Beda x-xogħol fuq dan il-monument grazzi għal Viċi Sindku, fejn din il-parti ser ikollu derha sabiħa u b'dawl ġdid.

35.3.5 **Laqgħa mal-Enemalta:**
Is-Sindku informa li kellu diversi laqgħat mal-Enemalta dwar proġett li se jagħmlu li jgħaddu *cable* minn taħt il-bankina li jibda minn Manoel Island li jgħaddi għal Gzira, jibqa sejjer għal Tower Road Sliema, Is Substation sa Tigne Club.

35.3.6 **Laqgħa mal-IM:**
Is-Sindku informa li dwar xi proġetti li kien sema li jsiru minn-naħa tal-IM: dawn kien jinkludu lattrina, tneħħija ta' boulders minn Qui Si Sana ecc, il-Kunsill għadu kif irċieva ittra mil-Perit tagħhom li dawn il-proġetti għalissa se jinzammu *on hold*.

35.3.7 **Laqgħa mal-BCRS:**
Is-Sindku informa li kellhom laqgħa ma BCRS. Ġie nnotat li l-Kunsill m'għandu l-ebda dritt li jneħħi dawn il-bins għaliex l-art taqa taħt id-Dipartiment tal-Artijiet.

Il-Kunsill għandu dritt biss li jara li dawn il-bins u l-area mnadwar jinzammu nodfa. Gie miftiehem li dawn se jitnaddfu aktar ta' spiss u se jkollhom van apposta għal tas-Sliema. Il-Kunsill se jagħti cans biex b'dan il-ftehim jinzammu nodfa.

35.3.8 **Laqgħa mal-Ministur tat-Turizmu:**
Is-Sindku informa li dwar il-meeting li kellu mal Ministru tat-Turizmu JO Etienne, tkellmu diversi affarijiet fosthom il-bajjiet.

Għalkemm il-bajjiet ma jaqawx direttt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill, ġie diskuss li għandu jiġi imħeji programm għal upgrade ta' bajjiet. Il-Kunsill għandu jsostni li dan ix-xogħol jiġi mwettaq

35.3.9 Is-Sindku informa li l-fanali ta' quddiem Nazzarenu fix-Xatt ta' Tigne se jinbiddlu kollha fil-ġimgħat li ġejjin.

35.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

35.4.1 Il-Kunsillier Z. Zammit saqsa jekk l-IM tawx xi tip ta' spjegazzjoni li l-proġetti se jinzammu *on hold* u jekk hux din relatata ma' Tas-Sliema biss.

- Is-Sindku informa li le ma tawx spjegazzjoni, u din l-issue mhux għal Tas-Sliema biss, hu qal ukoll li sadanittant se jibqa jagħmel pressjoni biex meta jkun il-waqt ix-xogħol f'Tas-Sliema li kien ġie mwiegħed, jsir

35.4.2 Fuq il-punt li Il-Kunsillier Z. Zammit saqsa jekk tawx xi tip ta' spjegazzjoni u jekk hux din relatata ma' Tas-Sliema biss. Is-Sindku informa li le ma tawx spjegazzjoni, u din l-issue mhux għal Tas-Sliema biss, hu qal ukoll li sadanittant se jibqa jagħmel pressjoni biex meta jkun il-waqt, ix-xogħol f'Tas-Sliema li kien ġie mwiegħed jsir.

35.4.3 Mill-punt li semma s-Sindku dwar il-BCRS, il-Kunsillier Z. Zammit saqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel post fuq *social media* li hemm servizz għall-anzjani min-naħa tal-BCRS li jista jingħata servizz tal-ġbir tal-flixken lill-anzjani. Dan biex anzjani Slimizi ikunu jafu b'dan is-servizz. Kien hemm qbil dwar dan.

35.4.4 Il-Kunsillier K. Wain irrefera għall-punt li issema dwar il-mira li għandu l-Kunsill biex iwettaq l-azzjoni fejn tiġi kontrollata l-problema tal-ħamiem, u jekk hemmx pjan li l-Kunsill isostni dak li jkun sar. Ir-risposta kienet li l-Kunsill dejjem jinforma pemezz tas-social media dak li jkun qiegħed isir.

35.4.5 Il-Kunsillier J. Aquilina ġibed l-attenzjoni dwar kummenti anonimi li qegħdin jinkitbu ta' spiss fuq SM kontra l-Kunsill. Huwa fakkar li l-*administrator* ta' kull page għandu jkun jaf min hu jew min hi li qeħed jikteb dawn it-tip ta' kummenti. Il-Kunsill jispera li tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

35.4.6 Il-Kunsillier J. Aquilina propona li Circular Bus f'Tas-Sliema għandha tkun b'zewġ rotot ta' għoxrin minuta kull wieħed, fejn tiġi indikata bħala Rotta A u Rotta B. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil min hu konċernat.

35.4.7 Is-SE informa li bħalissa l-Kunsill għaddej b'ħidma kontinwu bl-attivitajiet li se jsiru fix-xahar t'Ottubru 2026 fosthom:

- 4 sa 6 t'Ottubru:
  Delegazzjoni minn ESWAM u hemm programm sħiħ
- 11 t'Ottubru:
  Sliema Sports Day – Qui Si Sana. (hawnhekk sema li bil-ħidma wkoll tal-Kunsilliera W. Baldacchino u Z. Zammit)
- 23 t'Ottubru - Ġieħ tas-Sliema (hawnhekk sema li bil-ħidma wkoll tal-Kunsillier D. Muscat). Għal dan l-avveniment se jkunu mistiedna zewġ delegazzjonijiet minn Balti u Bialystok.
  Dwar in-nominazzjonijiet, is-SE informa li apparti jistu jinġabru applikazzjonijiet mill-uffiċċju, dawn qegħin

online ukoll permezz ta' *google form* fuq il-paġna tagħna tas-SM.
Is-SE ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jagħmlu *share* tal-post.

35.4.8 Is-SE qal li peress li Ottubru huwa mimli mhux ħazin bl-attivitajiet imsemmija u hemm diġa ħafna xogħol li qiegħed isir ukoll mill-uffiċċju, issuġġerixxa li l-aħjar li l-*Locality Meeting* jitħalla għal Novembu 2026. Kien hemm qbil dwar dan u data ġiet stabilita għal 11 ta' Novembru 2026 fis-6.30pm u ser tinzamm The Palace High Street Sliema.

35.4.9 Ġie diskuss u approvat l-impjieg ta' persuna fuq Skala 12 sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u operattiva tal-Kunsill u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tiegħu skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill u b'osservanza tal-proċeduri, regolamenti u kundizzjonijiet applikabbli għar-reklutaġġ fis-servizz tal-Gvern u tal-Kunsilli Lokali.

35.4.10 Dwar il-kaz għal claim ta' persuna li weġgħet Sliema Playing Fields, il-Kunsill irċieva draft tal *counter proposal* mill-avukati tal-Kunsill, u s-SE qara din l-ittra. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-avukati tagħna u inħallu l-avukati jinegozjaw bejn Eur 26k u Eur 32. Pero zied li jew biex il-Kunsill iħallas 26K in-negozjati jieqfu hemm jew jekk ikun 32 K, it-tifel irid jiġi ezaminat minn Speċjalisti maqbul miz-zewġ avukati.

Il-Kunsilliera J. Higgans ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.03

35.4.11 Il-Kunsillier R. Borg informa li ħiereġ l-ilma minn ħdejn il-kamra tas-sajjieda. Il-Kunsilier Borg għandu jibgħat ritratt lis-Sindku għal aktar konferma minn fejn ħiereġ ezatt.

35.4.12 Il-Kunsillier Z. Zammit saqsa meta se jsir tindif ta *culverts* fix-Xatt. Is-Sindku informa li s-sistema tas-CSD jagħmluhom wara l-ewwel xita.

35.4.13 Il-Kunsillier Z. Zammit saqsa jekk in-niċċa li tinsab quddiem 39 fi Triq Santa Rita hux imnizzla mal-lista tal-proġett tan-niċeċ.

35.4.14 Il-Kunsillier Z. Zammit saqsa dwar restawr ta search light fi Qui Si Sana fejn qal li ġie infurmat mill Perit David Zahra li jista jiddereġina għal xi fondi. Is-Sindku wieġeb li din mhux kompetenza tal-Kunsill għaliex taqa taħt Heritage Malta u l-Kunsill jista biss jgħin. Il-Kunsillier Z. Zammit talab li jkun infurmat b'kull aġġornament dwar dan.

35.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

35.5.1 Ma kien hemm ebda kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

35.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

35.6.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti. Mal-lista ezistenti l-Kunsill gie infurmat li għandu pagament ieħor li wasal illum ghall-approvazzjoni kif gej:

Lill-2Point3 Like Caruana għal Graphic Design, Digital artworks and Animation for SAF 2026 bl-ammont ta Eur 3429.08

Il-Kunsill zamm *on hold* il-pagament numru 39 indirizzat lil Mica Med għal aktar verifika.

Il-Kunsillier E. Borg ippropona l-pagamenti kollha li jinkludu l-pagament addizzjonali li dan se jidher fl-iskeda ta' Ottubru tas-seduta li jmiss (minbarra dak li nzamm *on hold*). Il-Kunsillier Z. Zammit issekonda.
Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti ghall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha inkluż l-addizzjonali.
Il-Kunsillier issekondaħ.

35.7 MOZZJONIJIET

35.7.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni mresqa.

35.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

35.8.1 Is-seduta intemmet fit-20.37.

Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Ħamis 15 t'Ottubru 2026 fis-6PM

Minuti approvati llum:

John Pillow
Sindku

Pierre P Portelli
Segretarju Eżekuttiv